Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1762

22.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1762

tat-13 ta' Lulju 2026

li jistabbilixxi regoli, proċeduri u metodoloġiji tal-ittestjar u rekwiżiti amministrattivi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejk ta' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 14(3), il-punt (i) u l-Artikolu 14(4), il-punti (a), (q), (s), (u) u (v), tiegħu,

Billi:

(1) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sistemi tal-ibbrejkjar għal vetturi li għandhom jiġu ddeżinjati bħala vetturi "Euro 7", vetturi "Euro 7G", vetturi "Euro 7ext" jew vetturi "Euro 7Gext" f'konformità mal-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) 2024/1257 u bl-użu tal-ibbrejkjar bil-frizzjoni, li jinvolvi kombinazzjoni ta' materjali ta' frizzjoni niexfa u diska tal-brejk jew tanbur tal-brejk tat-tgħammir jew bl-użu ta' xi forma ta' bbrejkjar bil-frizzjoni fis-servizz tagħhom. Tali rekwiżiti tekniċi jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-ħidma mwettqa fil-Forum Dinji tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi ([2]) (UN WP.29) u b'mod aktar speċifiku r-Regolament tan-NU Nru 179 ([3]).

(2) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet tal-ittestjar u l-piżijiet amministrattivi għall-manifatturi, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija awtomobilistika tal-Unjoni filwaqt li jinżammu l-istandards ambjentali u ta' sikurezza għoljin tagħha, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, metodoloġiji u kontrolli tal-ittestjar simplifikati. Sabiex jiġi evitat ittestjar żejjed u tiġi żgurata l-konsistenza mal-aħjar prattiki globali, huwa xieraq li jkun hemm allinjament mar-rekwiżiti tekniċi, it-testijiet u l-metodoloġiji armonizzati internazzjonalment li jirriżultaw mir-Regolamenti tan-NU Nru 83 ([4]) u Nru 179.

(3) Il-proċeduri tal-ittestjar għall-emissjonijiet tas-sistema tal-ibbrejkjar jenħtieġ li jinkludu l-kontribut tal-brejkijiet tal-frizzjoni f'kundizzjonijiet operattivi varjati, sabiex jiġi żgurat li l-emissjonijiet fil-kundizzjonijiet reali jiġu riflessi b'mod preċiż, u b'hekk jiġu protetti s-saħħa u l-ambjent filwaqt li tiġi pprovduta ċertezza legali għall-manifatturi. Sabiex titħeġġeġ l-innovazzjoni filwaqt li tiġi żgurata l-kisba ta' standards stretti tal-emissjonijiet, il-proċeduri tal-ittestjar għall-emissjonijiet tal-brejk jenħtieġ li jqisu wkoll materjali u teknoloġiji differenti tal-brejkijiet, inklużi sistemi tal-ibbrejkjar riġenerattivi u ibridi.

([1]) ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj.

([2]) Fil-każ ta' Regolament tan-NU, is-serje ta' emendi indikati tirrifletti l-verżjoni li ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Is-supplimenti tas-serje ta' emendi indikati fil-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali għandhom japplikaw irrispettivament mill-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Serje ġdida ta' emendi adottati wara s-serje ta' emendi indikati fil-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali għandhom jiġu aċċettati bħala alternattiva.

([3]) Ir-Regolament tan-NU Nru 179 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi ħfief fir-rigward tal-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejk [2026/1044] (ĠU L, 2026/1044, 18.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1044/oj).

([4]) Ir-Regolament tan-NU Nru 83 - Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-emissjoni ta' inkwinanti skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna [2026/1086] (ĠU L, 2026/1086, 29.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1086/oj).

(4) Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-manifatturi, tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat infurzar effettiv tal-istandards tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet, tissaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, u jiġi ggarantit il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Dak jenħtieġ li jinkludi obbligi ta' dokumentazzjoni għall-prestazzjoni tas-sistema tal-ibbrejkjar matul il-ħajja tal-vetturi, il-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet, u l-użu ta' mudelli standardizzati, inkluż id-Dokument ta' Informazzjoni dwar il-Mudell, iċ-Ċertifikat tal-Approvazzjoni tat-Tip tal-UE għad-dikjarazzjonijiet tal-konformità, kif stabbilit fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, kif ukoll ir-rapporti tat-testijiet applikabbli. Dawk ir-rapporti tat-test jenħtieġ li jkopru l-approvazzjoni tat-tip, u l-ittestjar tal-konformità waqt is-servizz — inklużi l-proċeduri dettaljati fir-Regolamenti tan-NU Nru 83 u Nru 179. Dan jenħtieġ li jnaqqas il-piżijiet amministrattivi u jimminimizza l-kostijiet tal-konformità, u b'hekk jappoġġa kemm l-innovazzjoni kif ukoll il-protezzjoni ambjentali rigoruża.

(5) Sabiex il-manifatturi u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti fl-Artikolu 7(2) u fl-Anness IV, l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) u tal-Anness IV għandha tiġi differita. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom għaldaqstant japplikaw mit-18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(6) Kull meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li dak l-ipproċessar jitwettaq f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 ([5]) u (UE) 2018/1725 ([6]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll mal-liġi nazzjonali rilevanti f'konformità ma' dawk ir-Regolamenti.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur (TCMV, Technical Committee – Motor Vehicles),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet b'rabta mas-sistemi tal-ibbrejkjar tal-vetturi bil-mutur li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi li ġejjin:

(1) M_1 u N_1;

(2) N_2 iddeżinjati bħala "Euro 7ext" u "Euro 7Gext" f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/1257.

Artikolu 2

Rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tas-sistema tal-ibbrejkjar

1. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2024/1257, il-manifattur għandu juri li s-sistema tal-ibbrejkjar tikkonforma ma' dawn kollha li ġejjin:

(a) il-kombinazzjoni tal-familji ta' emissjonijiet tal-kantunieri tal-brejkijiet fuq fus ta' quddiem u ta' wara tifforma parti mill-istess tip ta' vettura fir-rigward tal-emissjonijiet tal-brejk, kif definit fil-paragrafu 3.0 tar-Regolament tan-NU Nru 179;

([5]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

(b) is-sistema tal-ibbrejkjar tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fi:

(i) l-Annessi I, II u III għal dan ir-Regolament;

(ii) il-paragrafi 7 u 8 tar-Regolament tan-NU Nru 179.

2. Il-manifattur għandu jittestja s-sistema tal-ibbrejkjar skont l-Anness III.

Artikolu 3

Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sistema tal-ibbrejkjar

Il-manifattur għandu jissottometti lill-awtorità tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sistema tal-ibbrejkjar skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2024/1257 u t-tabella 11 tal-Anness V tiegħu, imfassla f'konformità mal-mudell tad-dokument ta' informazzjoni stabbilit fl-Appendiċi 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sistema tal-ibbrejkjar

1. Għall-fini tal-ittestjar f'konformità mal-Artikoli 7 (1) u 10 (1) tar-Regolament (UE) 2024/1257, il-manifatturi, is-servizzi tekniċi u l-awtoritajiet tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jużaw il-mudelli u l-mudelli, il-proċeduri tal-ittestjar u r-rapporti tat-testijiet stabbiliti fl-Annessi I, II u III ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-fini tal-għoti ta' approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2024/1257 u tal-ħruġ taċ-ċertifikat korrispondenti, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tuża l-mudell stabbilit fl-Appendiċi 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

3. L-awtorità tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip għandha tassenja numru tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet f'konformità mal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 ([7]) u t-tabella ta' subkarattri stabbilita fit-Tabella 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706 ([8]).

Artikolu 5

Emendi tal-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet

Meta jkunu qed japplikaw l-Artikoli 27, 33 u 34 tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) dwar emendi, reviżjonijiet u estensjonijiet tal-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tas-sistemi tal-ibbrejkjar, il-manifatturi u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jikkonformaw ukoll mal-paragrafi 9.1 u 9.4 tar-Regolament tan-NU Nru 179.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 tal-15 ta' April 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (ĠU L 163, 26.5.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/683/oj).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706 tal-25 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli, proċeduri u metodoloġiji tal-ittestjar għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-emissjonijiet evaporattivi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L, 2025/1706, 5.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1706/oj).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

Artikolu 6

Konformità tal-Produzzjoni

1. Meta japplikaw it-testijiet tal-konformità tal-produzzjoni f'konformità mat-tabelli 11 u 12 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, il-manifatturi u l-awtoritajiet tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 10 tar-Regolament tan-NU Nru 179.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jiċċekkjaw il-konformità tal-produzzjoni abbażi tad-deskrizzjoni fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip stabbilit fl-Appendiċi 2 tal-Anness II.

Artikolu 7

Konformità Waqt is-Servizz

1. Meta jwettqu testijiet sabiex jivverifikaw is-sehem tal-ibbrejkjar bil-frizzjoni individwali fl-approvazzjonijiet fejn il-koeffiċjenti tal-ibbrejkjar bis-sehem tal-frizzjoni jkunu tkejlu skont l-Anness 5 tar-Regolament tan-NU Nru 179 għall-finijiet tal-konformità waqt is-servizz fuq bażi fakultattiva f'konformità mal-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, l-Istati Membri u l-partijiet terzi rikonoxxuti għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-konformità waqt is-servizz stabbiliti fl-Anness 12 tar-Regolament tan-NU Nru 83.

2. Għas-sistemi tal-ibbrejkjar bl-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 3, il-manifattur għandu jtella' fil-pjattaforma elettronika għall-konformità waqt is-servizz (ISC) id-data kollha relatata mal-konformità waqt is-servizz imsemmija fl-Annessi 4 u 12 tar-Regolament tan-NU Nru 83 kif ukoll jilħaq ir-rekwiżiti speċifiċi għal-lista ta' trasparenza applikabbli għall-emissjoni ta' partikoli tal-brejkijiet fl-Anness IV.

Artikolu 8

Apparati ta' manipulazzjoni u strateġiji ta' manipulazzjoni għas-sistemi tal-ibbrejkjar

Ir-rekwiżit dwar in-nuqqas ta' apparati u strateġiji ta' manipulazzjoni relatati mas-sistemi tal-ibbrejkjar stabbilit fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2024/1257 għandu jiġi rrispettat jekk id-dokumentazzjoni pprovduta mill-manifattur għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-paragrafu 4.4. tar-Regolament tan-NU Nru 179 dwar il-funzjonijiet tal-ibbrejkjar li jżidu l-emissjonijiet, kif definit fil-punt 3.7.19. tar-Regolament tan-NU Nru 179, tkun approvata mill-awtorità tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandu japplika minn dik id-data.

Madanakollu, l-Artikolu 7, il-punt (2) u l-Anness IV għandhom japplikaw 18-il-xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

RAPPORTI TAT-TESTIJIET MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali u tekniċi għar-rapporti tat-testijiet relatati mal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejk.

2. REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Ir-Regolament tan-NU Nru 179 ([1]) għandu japplika għar-rapporti tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1).

2.2. L-informazzjoni speċifikata fl-Anness 1 tar-Regolament tan-NU Nru 179, għandha tiġi inkluża fid-diversi stadji tal-approvazzjoni tal-emissjonijiet tal-brejk kif deskritt fl-Illustrazzjoni A1/1 tiegħu ("*Ħarsa ġenerali lejn ir-rapporti differenti matul l-approvazzjoni tal-emissjonijiet tal-brejk*").

3. REKWIŻITI TEKNIĊI

3.1. Ir-rapporti tat-testijiet maħruġa mill-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip u mis-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet skont l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Anness.

([1]) Ir-Regolament tan-NU Nru 179 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi ħfief fir-rigward tal-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejk [2026/1044] (ĠU L, 2026/1044, 18.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1044/oj).

Appendiċi 1

Rapport tat-Test tal-Familja ta' Emissjonijiet tal-Kantuniera tal-Brejk

L-Appendiċi 1 tal-Anness 1 tar-Regolament tan-NU Nru 179 għandu japplika għar-rapport tat-test tal-familja tal-emissjonijiet tal-kantuniera tal-brejk.

Ir-rapport tat-test tal-familja tal-emissjonijiet tal-kantuniera tal-brejk għandu jiġi ripetut kemm għall-fus ta' quddiem kif ukoll għal dak ta' wara.

Appendiċi 2

Rapport tat-Test tal-Koeffiċjent (fattur c) tas-Sehem tal-Ibbrejkjar tal-Frizzjoni Individwali

L-Appendiċi 2 tal-Anness 1 tar-Regolament tan-NU Nru 179 għandu japplika għar-rapport tat-test tal-koeffiċjent tas-sehem tal-ibbrejkjar bil-frizzjoni individwali (fattur-c).

Ir-rapport tat-test tal-koeffiċjent tas-sehem tal-ibbrejkjar bil-frizzjoni (fattur-c) individwali għandu jiġi ripetut kif applikabbli għal kull kejl ta' vettura individwali.

Appendiċi 3

Rapport ta' Dimostrazzjoni tal-Konformità tat-Tip ta' Vettura

L-Appendiċi 3 tal-Anness 1 tar-Regolament tan-NU Nru 179 għandu japplika għar-rapport ta' dimostrazzjoni tal-konformità tat-tip ta' vettura.

ANNESS II

Approvazzjoni tat-TIP

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali u tekniċi applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tas-sistemi tal-ibbrejkjar.

2. REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Il-paragrafi 4 u 7 tar-Regolament tan-NU Nru 179 għandhom japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tas-sistemi tal-ibbrejkjar imsemmija fl-Artikolu 4(1).

3. REKWIŻITI TEKNIĊI

3.1. Il-paragrafu 8 tar-Regolament tan-NU Nru 179 għandu japplika għar-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tas-sistemi tal-ibbrejkjar.

3.2. Il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tas-sistemi tal-ibbrejkjar għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċijiet ta' dan l-Anness.

Appendiċi 1

MUDELL ta' Dokument ta' informazzjoni Nru

dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tas-sistemi tal-ibbrejkjar

Dan il-Mudell ta' Dokument ta' Informazzjoni relatat mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tas-sistemi tal-ibbrejkjar għandu jirrifletti l-mudell u l-informazzjoni tal-Mudell tad-Dokument ta' Informazzjoni stabbilita fl-Anness 1 tar-Regolament tan-NU Nru 179.

L-informazzjoni stabbilita fl-Anness 1 tar-Regolament tan-NU Nru 179, fejn applikabbli, għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kull disinn għandu jiġi pprovdut fi skala xierqa u b'dettall suffiċjenti fuq karta ta' daqs A4 jew folder ta' format A4. F'każ li jkun hemm xi ritratti, dawn għandhom ikunu f'dettall suffiċjenti.

Appendiċi 2

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE SISTEMA TAL-IBBREJKJAR

Timbru tal-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

— l-approvazzjoni tat-tip tal-UE [1],

— l-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE [1],

— ir-rifjut tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE [1],

— l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE [1],

in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE: …Raġuni għall-estensjoni: …

TAQSIMA I

0.1. Marka (l-isem kummerċjali tal-manifattur): …

0.2. Tip: …

0.2.1. Isem/ismijiet kummerċjali (jekk disponibbli): …

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura [2]

0.3.1. Pożizzjoni ta' dik il-marka: …

0.4. Kategorija tal-vettura [3]

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: …

0.8. Isem/ismijiet u indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ: …

0,9 Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur[5]: …

TAQSIMA II

0. Identifikatur(i) tal-familja ta' emissjonijiet tal-kantuniera tal-brejk kif definit fil-paragrafu 7. tar-Regolament tan-NU Nru 179

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli):

2. Is-servizz tekniku responsabbli għall-ħruġ tar-rapport ta' dimostrazzjoni tal-konformità tat-tip ta' vettura: …

3. Data tar-rapport ta' dimostrazzjoni tal-konformità tat-tip ta' vettura: …

4. Numru tar-rapport ta' dimostrazzjoni tal-konformità tat-tip ta' vettura: …

5. Rimarki (jekk ikun hemm):

6. Post: …

7. Data: …

8. Firma: …

Noti ta' Spjegazzjoni

(1) Ħassar dak li mhux applikabbli (hemm każijiet li fihom ma għandu jitħassar xejn meta jkunu applikabbli aktar minn entrata waħda).

(2) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tal-vettura, tal-komponent jew tat-tipi ta' unitajiet tekniċi separati koperti minn din l-informazzjoni, tali karattri għandhom jiġu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

(3) Kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/858.

(4) Kif definit fl-Artikolu 3(24) tar-Regolament (UE) 2018/858.

(5) "Rappreżentant tal-manifattur" skont id-definizzjoni fl-Artikolu 3(41) tar-Regolament (UE) 2018/858.

ANNESS III

PROĊEDURI TAT-TEST

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali u tekniċi għall-proċeduri tat-test relatati mal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejk.

2. REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Ir-Regolament tan-NU Nru 179 għandu japplika għall-proċeduri tal-ittestjar imsemmija fl-Artikolu 4(1).

3. REKWIŻITI TEKNIĊI

3.1. Il-proċeduri tat-test u l-metodoloġiji għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċijiet ta' dan l-Anness.

Appendiċi 1

Eventi taċ-Ċiklu tal-Brejk tad-WLTP

L-Eventi taċ-Ċiklu tal-Brejk tad-WLTP għandhom jirriflettu l-Proċedura taċ-Ċiklu tal-Brejk tad-WLTP f'konformità mal-Appendiċi 1 tal-Anness 4 tar-Regolament tan-NU Nru 179.

Appendiċi 2

Eventi tal-Brejkijiet taċ-Ċiklu tal-Brejk tad-WLTP

L-Eventi tal-Brejkijiet taċ-Ċiklu tal-Brejk tad-WLTP għandhom jirriflettu l-Proċedura tal- Eventi tal-Brejkijiet taċ-Ċiklu tal-Brejk tad-WLTP f'konformità mal-Appendiċi 2 tal-Anness 4 tar-Regolament tan-NU Nru 179.

Appendiċi 3

Metodu għall-Kejl u għall-Kalkolu tal-Koeffiċjenti tas-Sehem tal-Ibbrejkjar tal-Frizzjoni Speċifiċi għall-Vettura

Il-metodu għall-Kejl u għall-Kalkolu tal-Koeffiċjenti tas-Sehem tal-Ibbrejkjar tal-Frizzjoni Speċifiċi għall-Vettura għandu jirrifletti l-Metodu għall-Kejl u għall-Kalkolu tal-Koeffiċjenti tas-Sehem tal-Ibbrejkjar tal-Frizzjoni Speċifiċi għall-Vettura f'konformità mal-Anness 5 tar-Regolament tan-NU Nru 179.

ANNESS IV

LISTA TA' TRASPARENZA

Tabella 1

Lista ta' trasparenza 1 għas-sistemi tal-ibbrejkjar

1	Emissjonijiet tal-Kantuniera tal-Brejk ("BCE") ID tal-fus ta' quddiem	test	--	Kif imsemmi fil-paragrafu 7.2 tar-Regolament tan-NU Nru 179
2	BCE ID tal-fus ta' wara	test	--	Kif imsemmi fil-paragrafu 7.2 tar-Regolament tan-NU Nru 179
3	Koeffiċjent (fattur c) tas-sehem tal-ibbrejkjar tal-frizzjoni individwali	numru	--	Kif imsemmi fil-paragrafi 7.1. u 7.2. tar-Regolament tan-NU Nru 179
4	Konfigurazzjonijiet tal-laboratorju	test	--	Kif imsemmi fil-paragrafu 7.1.3. u fil-paragrafu 8. tar-Regolament tan-NU Nru 179"

Tabella 2

Lista ta' trasparenza 2 għas-sistemi tal-ibbrejkjar

Kamp	Tip ta' data	Deskrizzjoni
Emissjonijiet tal-Kantuniera tal-Brejk ("BCE") ID tal-fus ta' quddiem	test	Kif definit fil-paragrafu 7.2. tar-Regolament tan-NU Nru 179
BCE ID tal-fus ta' wara	test	Kif definit fil-paragrafu 7.2. tar-Regolament tan-NU Nru 179